Hija tassew okkażjoni sabiħa li għal darb'oħra qegħdin hawn nieħdu din id-deċiżjoni importanti flimkien.

Iva, din hi l-iktar kelma li rrid nemfasizza dalgħodu.

Fil-manifest elettorali, li proprju kien iġib l-isem Malta Flimkien, jien kont tajt il-kelma li ridna nżidu l-paga minima. Konxji mill-ħtiġijiet li ntejbu l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema.

Bħal f'kull proposta oħra li għamilna, kull kelma oħra li tajna, kont determinat li nżommu l-impenn mal-poplu.

Iżda, l-ikbar xewqa li kelli kien li dan naslu għalih fi qbil.

Kien b'dan l-ispirtu li iktar kmieni din is-sena ħtarna l-Low Wage Commission. Biex b'ħidma bejn ir-rappreżentanti tal-Gvern u l-imsieħba soċjali, naslu b'żieda li tkun ġusta mal-ħaddiema, filwaqt li tkun tagħmel sens fiċ-ċirkostanzi tal-lum. Sodisfatt, li mhux biss bnejna fuq il-ftehim li ntlaħaq fl-2017, iżda li saħansitra wasalna għal ftehim iktar b'saħħtu.

Għalhekk irrid nirringrazzja l-Low Wage Commission kollha kemm hi tax-xogħol tagħha.

Lilek David tal-irwol tiegħek bħala interlokutur, lil Andy ta' kemm imbotta biex naslu għal dan il-ftehim u lilek Mark, punt ta' referenza kull meta niġu biex nagħmlu inizjattivi favur il-ħaddiem u ż-żgħir.

Il-messaġġ li għandi dalgħodu huwa wieħed ċar ħafna.

Pajjiżna se jibqa' miexi 'l quddiem.

Kemm ekonomikament u soċjalment.

Konna, għadna u nibqgħu Gvern li jappoġġja n-negozju.

Konna, għadna u nibqgħu Gvern tal-ħaddiem.

L-iżvilupp ekonomiku u soċjali huma kumplimentari.

Biex tqassam il-ġid l-ewwel trid toħolqu. Dak punt ta' tluq li ma nistgħu ninsew qatt.

M'hemmx xogħol, m'hemmx ġid mingħajr il-kuraġġ, l-innovazzjoni u l-għatx ta' min iħaddem.

Daqstant ieħor m'hemmx intrapriżi ta' suċċess mingħajr ħaddiema mħarrġa u beżlin. Għalhekk flimkien irridu nfasslu l-futur ta' dan il-pajjiż.

Dan l-ispirtu li ħaddimna meta ffaċċjajna pandemija. Ma nista' nieqaf nsemmih qatt dak l-eżempju. Tifhmuni għax min jaf kemm sigħat għaddejna flimkien niddiskutu.

Dakinhar kien il-Gvern li ħareġ il-pagi tal-ħaddiema, illum qegħdin hawn biex il-ħaddiema li l-iktar jeħtieġu mbuttatura 'l quddiem nagħtuhom dik iż-żieda li jeħtieġu.

Żieda li mhux narawha f'iżolament, għaliex nhar it-Tnejn irridu nibqgħu ngħinuhom. Bħalma rridu nibqgħu ninċentivaw il-qalba diġitali u ambjentali tan-negozji.

Minn meta d-dinja bdiet tiffaċċja l-effetti ta' gwerra fl-Ewropa, u magħha l-effetti kollha li ġabet, fittixna l-istabbiltà u ħadna d-deċiżjoni l-kbira li nżommu l-prezzijiet tal-enerġija stabbli. Hekk in-negozji żammejnilhom is-serħan il-moħħ, setgħu jibqgħu jaħsbu dwar il-futur, u fl-istess ħin jżommu l-workforce. Hekk ħarisna l-impjiegi.

Għalhekk minkejja l-isfidi, pajjiżna baqa' jikber tant li llum l-emfasi tagħna lkoll hija fuq il-kwalità.

Il-bżonn li ngħollu l-livelli f'dak li nagħmlu.

Għax għandna t-turisti li nixtiequ llum, irridu u nitkellmu fuq turisti aħjar.

Għax għandna *full employment*, mela rridu postijiet tax-xogħol ta' kwalità ogħla, intrapriżi li forsi jiġu bżonn inqas nies, imma ħaddiema b'iktar ħiliet u għalhekk b'pagi aħjar u użu usa tat-teknoloġija.

Għax l-investiment ġej, illum niddiskuti liema investiment jgħodd l-iktar għal pajjiżna. Għas-sostenibbiltà, biex igawdu l-ħafna u mhux il-ftit. Biex inħallu lil uliedna pajjiż aħjar milli sibnih.

Din hi d-diskussjoni li jrid jibqa' jkolli magħkom. Tajna sinjali importanti fl-aħħar ġimgħat li l-prijoritajiet tal-lum nifmuhom u rridu nindirizzawhom. Ħadna u se nibqgħu nieħdu d-deċiżjonijiet.

Is-suċċess ta' pajjiżna nistgħu naslu għalih flimkien.

Ejja nemmnu  f'dan il-pajjiż. Dan il-pajjiż huwa intom, il-membri tagħkom, aħna lkoll.

Meta pajjiżna jirnexxi, jirnexxi bis-sehem tagħna lkoll flimkien.

Tagħkom fuq quddiem nett. Il-bżulija tagħkom u l-membri tagħkom.

Għalhekk tal-lum huwa jum importanti ħafna.

Minħabba r-riżultat tal-ftehim innifsu.

Iżda, daqstant ieħor il-mod kif wasalna għalih.

Għalina dan li tfisser Malta Ġusta.